# Il-festa tal-patruna tal-gżira tat-tliet għoljiet

## Ssir mill-ġdid il-purċissjoni f'Għawdex wara nuqqas ta' 51 sena



Mons Joseph Bezzina, li se jagħmel diskors dwar il-kult ta' Sant'Ursola

Is-Soċjetà Filarmonika Leone, flimkien mal-parroċċa tal-Katidral, se jorganizzaw il-festa ta' Sant'Ursola, patruna t'Għawdex. Din se tinvolvi sensiela ta' attivitajiet il-Ħadd li ġej, 21 ta' Ottubru, b'mużika reliġjuża u ċelebrazzjonijiet festivi.

Kif kienet it-tradizzjoni sa mill-ħames seklu, Sant'Ursola kienet prinċipessa Brittannika li marret għall-pellegrinaġġ fejn kienet maqtula mit-tribu Unni qrib Cologne fil-Ġermanja.

Il-bust-relikwa ta' *Sant'Ursula*, patruna ta' Għawdex, kienet mogħtiha lill-Katidral tal-lum mill-Gvernatur Eugenio Ramirez Maldonado meta kien appuntat Gvernatur ta' Għawdex fl-1610. Infatti, dan hu wieħed mill-aktar oġġetti prezzjużi u antiki fil-pussess tal-Katidral ta' Għawdex.

L-Għawdxin bdew jitolbu għall-interċessjoni ta' Sant'Ursola f'każijiet ta' mard qerriedi, terremoti u nixfa. Sant'Ursola kienet iddikjarata patruna ta' Għawdex fl-1620, bil-festa tkun fil-21 ta' Ottubru. Dan kien sar f'Sinodu Djoċesan li kien ikkonfermat mill-Pontifiċju Ruman.

Id-devozzjoni lejn Sant'Ursola kompliet tikber f'Għawdex b'tali mod li meta l-Gvernatur Maldonado telaq minn Għawdex bil-bust, l-Arċipriet tal-Matriċi, il-Ġudikatura u l-Gvern Regjonali t'Għawdex talab li l-bust jibqa' fil-Matriċi.

Il-Ħadd li ġej il-purċissjoni ta' Sant'Ursola se ssir wara nuqqas ta' 51 sena. Mid-9.30am 'il quddiem se jkun hemm festa folkloristika fil-Pjazza tal-Katidral, bil-purċissjoni toħroġ fl-10.15am. Se jkun hemm ukoll quddiesa kantata fl-10.30am, sfilata folkloristika fil-11.30am, qari ta' leġġendi f'12/30pm, kunċert bl-orgni u taħdita minn Mons Joseph Bezzina dwar il-kult ta' Sant'Ursola fl-4pm.

Din il-festa hi parti mill-programm Opera is Gozo tal-Ministeru għal Għawdex.



Il-bust prezzjuż ta' Sant''Ursola li nsibu fil-Katidral ta' Għawdex